MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Numru 4/2014

Ammissjoni Nru: 4/2014

Il-Pulizija

(Spettur Mario Haber)

Vs

Mohamed Mosaad Sadek Abou Hegazy

Abdou Mohamed Elsayed Elbahlawan

Mohamed Saleh Abouelmaatty Barakat

Mohamed Ahmed Mohamed Elrawady

Illum 18 ta' Gunju, 2014,

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-konfornt ta' Mohamed Mosaad Sadek Abou Hegazy, detentur tal-

passaport Egizzjan bin-numru 971956, Abdou Mohamed Elsayed Elbahlawan detentur tal-passaport Egizzjan bin-numru 2833460, Mohamed Saleh Abouelmaatty Barakat detentur tal-passaport Egizzjan bin-numru A07611501 u Mohamed Ahmed Mohamed Elrawady detentur tal-passaport Egizzjan bin-numru A03885150 talli:

Fil-11 ta' Marzu, 2013 u fil-jiem ta' qabel, f'Malta, bil-hsieb illi jaghmlu xi qliegħ li jkun, għenu, assistew, taw parir jew ħabirku biex persuni ohra jidhlu jew jgħamlu tentattiv biex jidħlu jew joħorgu jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-Liġijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn Malta kkonġuraw f'dak is-sens ma' xi persuna oħra.

Kif ukoll talli taħt l-istess ċirkostanzi għenu jew assistew lil xi persuni biex jinżlu l-art jew jittantaw jinżlu l-art f'Malta, jew li joqgħodu ġewwa Malta, kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuni biex jinżlu l-art, jew li joqgħodu ġewwa, jew li jitilqu minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħrug ta' dak l-Istat, jew jaħbu jew jagħtu kenn lil xi persuni li jkunu jafu, jew ikollhom tassew għax jaħsbu, li jkun qiegħda f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Mingħir preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 il-Qorti għandha b'żieda ma' kull kasitig li jista' jingħata b'sentenza, minn min jinsab ħati ta' reat rilevanti u b'żieda ma kull piena li jista' jeħel korp magħqud taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 121D, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-propjeta' li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut minn min ikun instab ħati jew jekk mill-korp magħqud imsemmi fl-artikolu 121D.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti Istruttorja tal- 25 ta' April, 2014, fejn l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom u kkonfermaw tali ammissjoni anke wara illi dik il-Qorti tgħathom żmien biex jikkunsidraw il-posizzjoni tagħhom.

Rat id-diġriet ta' din l-istess Qorti, datat 2 ta' Mejju, 2014, fejn il-Qorti ai termini tal-artikolu 395B(4) appuntat il-kawża għas-smiegħ għat-18 ta' Ġunju, 2014.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Mejju, 2014, fejn iddikjara illi ai termini tal-Artikolu 392B(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputazzjonijiet adebitati lill-imputati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u li għalihom ammettew l-imputati fis-seduta ta' nhar il-ħamsa u għoxrin

(25) ta′ April tas-sena elfejn u erbatax (2014) għandhom jitqiesu bħala att ta′ akkuża ai fini u effetti kollha tal-liġi.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużati Mohamed Mosaad Sadek Abou Hegazy, Abdou Mohamed Elsayed Elbahlawan, Mohamed Saleh Abouelmaatty Barakat u Mohamed Ahmed Mohamed Elrawady fejn qablu illi tenut kont tal-ammissjoni il-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-akkużati minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun is-segwenti:

Fil-konfront ta′ Mohamed Mosaad Sadek Abou Hegazy, il-piena ta′ prigunerija effettiva għal-perjodu ta′ erbgħa snin u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi għad-dikjarazzjoni u sejbien ta′ ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 u l-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta′ Malta.

Fil-konfront ta′ Abdou Mohamed Elsayed Elbahlawan, Mohamed Saleh Abouelmaatty Barakat u Mohamed Ahmed Mohamed Elrawady, il-piena ta′ priġunerija effettiva għal perjodu ta′ sentejn u nofs u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi għad-dikjarazzjoni u sejbien ta′ ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 u l-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta′ Malta.

Rat illi l-akkużati meta mistoqsija minn din il-Qorti xi jwieġbu għal-akkużi dedotti kontrihom, tennew l-ammissjoni tagħhom. Dan anka wara li l-Qorti wissiethom b′mod l-aktar solenni spjegatilhom il-konsegwenzi legali ta′ din it-tweġiba u tagħthom ftit taż-żmien biex jerġaw lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta′ Malta.

Tiddikjara lil akkużati Mohamed Mosaad Sadek Abou Hegazy, Abdou Mohamed Elsayed Elbahlawan, Mohamed Saleh Abouelmaatty Barakat u Mohamed Ahmed Mohamed Elrawady ħatja talli:

Fil-11 ta′ Marzu, 2013 u fil-jiem ta′ qabel, f′Malta, bil-hsieb illi jaghmlu xi qliegħ li jkun, għenu, assistew, taw parir jew ħabirku biex persuni ohra jidhlu jew jgħamlu tentattiv biex jidħlu jew joħorgu jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi

ksur tal-Liġijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn Malta kkonġuraw f'dak is-sens ma' xi persuna oħra.

Kif ukoll talli taħt l-istess ċirkostanzi għenu jew assistew lil xi persuni biex jinżlu l-art jew jittantaw jinżlu l-art f'Malta, jew li joqgħodu ġewwa Malta, kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuni biex jinżlu l-art, jew li joqgħodu ġewwa, jew li jitilqu minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħrug ta' dak l-Istat, jew jaħbu jew jagħtu kenn lil xi persuni li jkunu jafu, jew ikollhom tassew għax jaħsbu, li jkun qiegħda f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Ikkunsidrat,

Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie iffurmat il-ġuri u li saret waqt il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti tħoss li f' dan il-kaz partikolari għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula fis-6 ta' Ġunju, 2014 u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli, 337 u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 32 tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tikkundanna lil ħati Mohamed Mosaad Sadek Abou Hegazy, il-piena ta' prigunerija effettiva għal-perjodu ta' erbgħa snin u lil Abdou Mohamed Elsayed Elbahlawan, Mohamed Saleh Abouelmaatty Barakat u Mohamed Ahmed Mohamed Elrawady, il-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sentejn u nofs.

Kif ukoll tikkundanna lil ħatja solidament iħallsu s-somma ta' tmien mija u disgħa u sebgħin ewro u tnejn u ħamsin centeżmu (€879.52), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Finalment, il-Qorti thalli impregudikata l-kofiska tad-daghjsa 'Liberty V' peress li din ma hix propjeta' tal-hatja u pendenti l-proceduri fil-konfront ta' Martin Cachia.

Il-Qorti spejgat lil ħatja il-portata ta' din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------